MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 300/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. CG1;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u/jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat peress li nkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza';

Illi meta zzewgu, ir-rikorrent kellu tnejn u ghoxrin (22) sena fil-waqt li l-intimata kellha sbatax (17)-il sena;

Illi l-partijiet ghandhom tifla wahda li giet koncepita qabel iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-partjiet huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elf dia' mija u disgha u disghin (1999) huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B li in forza taghha eccepiet:

Illi l-eccipjenti, filwaqt illi tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu ghall-apprezzament tal-fatti kif dawn jirrizultaw fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza u in kwantu jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-ligi ghal dawn il-fatti, tirrileva illi hija taqbel li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat kif imsemmi fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat b'dana illi pero' hija tenfasizza illi hija ma kinitx tbati minn anomalija psikologika li kienet taghmilha impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Hija taqbel ukoll illi

l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat peress illi nkiseb bi vjolenza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti tirrileva – kif fuq kollox sejjer jirrizulta mill-provi – illi l-komportament tal-attur kemm qabel kif ukoll matul iz-zwieg kien tali illi huwa certament possibli illi l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg kien vizzjat.

Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-1999 meta r-rikorrenti kellu 22 sena u l-intimata 17-il sena. Kienu ilhom johorgu flimkien xi sentejn meta t-tfajla harget tqila u l-familjari tar-ragel sfurzawhom biex jizzewgu biex, fil-fehma taghhom, isolvu l-problema li kienet inqalghet bit-tqala. Iz-zwieg ma rnexxiex u issa r-ragel qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg a tenur, fost ohrajn tal-Art. 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In sostenn tal-allegazzjoni tieghu, huwa jressaq provi konsiderevoli tas-sitwazzjoni kif svolgiet wara li l-intimata li kienet ghadha tistudja, harget tqila. Huwa jghid:

“*L-ewwel li konna ghidna bit-tqala kien lil ommha. Kif ghidnielha ommha bdiet tippanikkja u tghajjat maghna. Dak il-hin stess fost il-panic cemplet lil ommi u mbaghad ommi u missieri gew ghand ommha. Bdew jitkellmu fuqna, jghidulna ‘x’ghamiltu’, ‘ghax ma tahdmux b’mohhkom’ u kliem ohra ta’ din ix-xorta. Dakinhar stess, il-genituri taghna kienu ddecidew li ahna ghandna nizzewgu. Ahna accettajna, missieri beda jghid li ser ihallas it-tieg hu u ddecidejna li noqoghdu ghand ommha sakemm nixtru post. Kollox sar ta’ malajr u bl-ghagla.*”

"*Jiena kont noqghod Had Dingli u hi l-Buskett. Kien importanti ghall-genituri taghna t-tnejn li ma jaqghux ghac-cajt quddiem in-nies. Ahna konna l-ewwel nies fil-familji taghna li gralna bicca bhal din.*"

L-intimata fl-affidavit taghha tikkonferma:

"*Ommi kienet indunat b'xi haga u meta ghidtilha tghidx kemm ghajtet u bkiet. Tad-dar tieghi ma ridunix nizzewweg. Kont hrigt tqila f'Awissu (lejn in-nofs tieghu). Il-genituri saru jafu lejn l-ahhar ta' Awissu bidu ta' Settembru u zzewwigna f'Novembru 1999. Kien ghad kelli sbatax-il sena, kont ghadni kif ghalaqthom f'Ottubru u bejn tlieta u erba' xhur tqala.*

*Bla dubju ta' xejn, iz-zwieg beda jissemma biss meta l-familja tieghu saru jafu li jiena tqila, ghax kienet il-familja tieghi li pproponew li nizzewgu. F'dak il-perjodu jiena lanqas biss kont naf x'qed jigri ghax l-ahhar tat-tqala kienet kissritni u hawditni. Iz-zwieg gie propost mill-familja tieghu bhala soluzzjoni tajba f'dak il-mument iebes jew il-konsegwenza awtomatika peress li kont tqila.*"

Omm ir-rikorrenti tispjega hekk:

"*Ahna ghidnielhom biex jizzewgu peress li kien hemm it-tarbija fin-nofs. Huma accettaw ghaliex ahna hekk konna qed nghidulhom biex jaghmlu. Niftakar li kienu anki gabu lill-qassis ghand ommha. Ommha bdiet twahhal fit-tifel tieghi imma jiena kont ghidtilha li t-tort kien tat-tnejn. Ahna ridna ghall-gid imma ma kellux ikun. Dakinhar li ttiehdet id-decizjoni, ommha kienet ghamlet hafna xenati tant haditha bi kbira.*"

Missieru mbaghad ikompli jghid:

"*Jiena kont wiehed minn dawk li ridthom jghaqqdu l-familja u mhux hi tigri 'l hemm u hu jigri ma' ohra. It-tfal accettaw. Jiena u l-mara tieghi konna hallasna ghat-tieg kollu. Il-genituri taghha kienu haduha bi kbira imma ommha ma riditx thallas ghall-ispejjez. Jiena, dak iz-zmien*

*irragunajt li jiena zewgt itfal ghandi u ridthom johorgu ta' nies u ghalhekk ghamilna t-tieg.*"

Omm l-intimata tixhed hekk:

"*Fil-21 ta' Settembru 1999, niftakar illi kont ma' binti C gol-vann telghin it-telgha tas-Saqqajja u jien kont qed nistaqsieha x'kellha peress illi rajtha ferm ghajjiena u qisha ma tiflahx u qaltli li hija kienet tqila. Jiena dak il-hin hadtha bi kbira hafna.*

*Kif wasalna d-dar inqala' storbju kbir; l-attur A B kien gie d-dar taghna filghaxija u kompla ghaddej l-inkwiet.*

*Madwar jumejn wara kienu gew il-genituri tieghu d-dar taghna u qaluli li filkas is-soluzzjoni kienet li nzewguhom. Jiena ghidtilha mal-ewwel li ma kellhix ghalfejn inzewwigha ghax kienet ghadha zghira. Sadanittant kelli nkun naf illi sa gimghatejn wara huma kienu diga' lestew kollox anke s-sala tat-tieg u dana dejjem minghajr ma kont naf jiena.*"

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Denise Borg vs Christopher Borg**" (deciza fil-21 ta' Ottubru, 2002), irriteniet illi:

"*Skond il-ligi civili taghna biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li din tahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghelha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodici Civili). Fi kliem iehor il-"pressjoni" jew "vjolenza" – hekk ekwipollenti ghal xulxin galadarba jista' jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita ("***Emanuel Falzon -vs- Anthony Farrugia***", Appell, 21 ta' April 1997) – hemm bzonn li jkunu <u>determinanti</u>, <u>ingusti</u> u <u>gravi</u>. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta', is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2)).*"

Din il-Qorti tqis li l-biza' riverenzjali trid essenzjalment tigi valutata in relazzjoni mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz,

f'dan il-kaz, sitwazzjoni ta' zewg zghazagh minn zewg irhula zghar vicini, minn go hdan familji fejn din is-sitwazzjoni qatt ma kienet inqalghet qabel. Il-Qorti tirreferi ghal dak li jikteb J.F. Castano fil-ktieb "Il Sacramento del Matrimonio" (2 ediz. 1992 pag. 398):

"*Cio` che specifica il timore reverenziale e` la natura del male per liberarsi dal quale una persona e` costretta a scegliere il matrimonio. Il male imminente o probabile che essa intende evitare non e` costituito solo dal pericolo di perdere l'eredita', l'affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all'infamia se si tratta di ragazza ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta', "dispiacere" o "indignazione". Il dispiacere o l'indignazione possono essere espressi in vari modi per esempio con un volto costantemente addolorato o severo, con una atmosfera familiare di silenzio, di freddezza, con uno stillicido continuo di rimproveri, di minacce, di suppliche, d'insistenza importune. Di per se', queste manifestazioni esterne, anche se pressanti, non costituiscono un male grave, pero' lo possono essere nella situazione concreta, divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, la persona che ne e` vittima, si arrende alla volonta' altrui accettando le nozze come unica strada di uscita, con una scelta senza piena autonomia.*"

Dan l-insenjament, fil-fehma ta' din il-Qorti, japplika ukoll ghall-kaz odjern.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Novembru 1999 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------